

Suġġett tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tal-21 ta' Novembru 2006 li jiġu rkuprati l-ammonti mħallsa lir-rikorrent bħala koeffiċjent ta' korrezzjoni fuq il-parti tal-emolumenti tiegħu tiegħu trasferita fi Franza minn April 2004 sa Ġunju 2005, minħabba l-allegat nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet meħtieġa għal dan it-trasferiment – Talba għad-danni

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Novembru 2006, li torġna l-irkupru tal-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni fuq il-parti tal-emolumenti ta' P. Giaprakis transferita fi Franza minn April 2004 sa Ġunju 2005, għal ammont ta' EUR 1 246,06 hija annullata.*
- 2) *Il-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat iħallas lura lil P. Giaprakis l-ammont ta' EUR 1 246,06, flimkien mal-interessi moratorji mid-data tal-irkupru sad-data tal-ħlas effettiv, bir-rata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' rifuinanzjament u applikabbli tul il-perjodu kkonċernat, miżjuda b'żewġ punti.*
- 3) *Ir-rikors huwa miħud għall-kumpliment.*
- 4) *Il-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż kollha.*

⁽¹⁾ ĠU C 297, 8.12.2007, p. 49.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (it-Tieni Awla) tat-12 ta' Marzu 2009 – Hambura vs Il-Parlament

(Kawża F-4/08) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku – Persunal temporanju – Reklutaġġ – Proċedura ta' għażla – Nuqqas ta' ammissjoni – Avviż ta' reklutaġġ PE/95/S – Nuqqas ta' użu tal-formola ta' applikazzjoni li tinsab fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea – Ammissibiltà – Proċedura amministrattiva minn qabel)

(2009/C 102/57)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Johannes Hambura (Soultzbach, Franza) (rappreżentant: S. Hambura, avukat)

Konvenut: Il-Parlament tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Seyr u K. Zejdová, aġenti)

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tad-direttorat ġenerali tal-persunal tal-5 ta' Diċembru 2007 li ma jaċċettax il-kandidatura tar-rikorrent, l-annullament tal-kompetizzjoni PE/95/S, qasam: mediċina u l-bidu mill-ġdid tal-proċedura tal-kompetizzjoni billi jippermetti l-użu ta' formola elettronika ta' applikazzjoni.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miħud.*
- 2) *S. Hambura huwa kkundannat għall-ispejjeż kollha.*

⁽¹⁾ ĠU C 92, 12.4.2008, p. 50.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-11 ta' Frar 2009 – Schönberger vs Il-Parlament

(Kawża F-7/08) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku – Uffiċjali – Promozzjoni – Eżami komparattivi tal-merti – Għoti ta' punti ta' mertu – Prinċipju ta' trattament ugwali)

(2009/C 102/58)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Peter Schönberger (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: O. Mader, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: S. Seyr u K. Zejdová, aġenti)

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament tal-15 ta' Jannar 2007 li r-rikorrent jingħata numru ta' punti ta' prijorità inqas minn dak mixtieq mir-rikorrent